**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri**
**Onor. Imħallef David Scicluna**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 4 ta' Frar 2016**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 29/2013**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Antonel Dobre**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fil-15 ta' Novembru 2013 kontra Antonel Dobre li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess Antonel Dobre talli (1) ikkommetta offiża gravi fuq il-persuna li biha ġrat il-mewt minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali ta' l-offiża, u mhux għal xi kawża aċċidentali li nqalat wara, b`dan li l-mewt ġrat fi żmien erbgħin ġurnata li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta` qabel id-delitt; (2) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-25 ta' Marzu 2015 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-ġurati li bih bi tmien (8) voti favur u vot (1) kontra sabu lill-imsemmi Antonel Dobre ħati skont l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża b'dan pero` li r-reat huwa skużabbli, għaliex kien ipprovokat minn delitt ta' kull xorta li jkun kontra l-persuna, u b'seba' (7) voti favur u tnejn (2) kontra sabuh ħati skont it-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża, iddikjarat lill-istess Antonel Dobre ħati talli:

1. Ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna li biha ġrat il-mewt minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali ta' l-offiża, u mhux għal xi kawża aċċidentali li nqalat wara, b'dan li l-mewt ġrat fi żmien erbgħin ġurnata li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt, b'dan pero` li r-reat huwa skużabbli, għaliex kien ipprovokat minn delitt ta' kull xorta li jkun kontra l-persuna;

2. volontarjament iddisturba l-kwiet pubblika u b'hekk kiser il-bon ordni u l-kwiet fil-pubbliku.

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 215, 220(1)(a), 216(1)(a), 218(1)(a), 230(c), 232(a), 338(dd), 7(2)(a), 12(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-imsemmi Antonel Dobre għall-piena ta' seba' (7) snin priġunerija, minn liema terminu għandu jitnaqqas iż-żmien li għamel taħt arrest preventiv, kif ukoll, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannatu jħallas l-ammont ta' tlett telef u erbgħa u disgħin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€3094.29) bħala spejjeż inkorsi f'dan il-proċess; orndat ukoll li jekk l-ispejjeż ma jithallsux immedjatament, dawn jigu kkonvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi. Dan ukoll wara li l-ewwel Qorti rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati, u qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Roberto Montalto, tal-abbli prosekutur Dr. Nadia Attard, u tal-abbli avukat tal-*parte civile* Dr. Larry Formosa;

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Antonel Dobre ppreżentat fil-25 ta' Marzu 2015 fejn talab li din il-Qorti (1) tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-verdett tal-ġurati u s-sentenza appellata u minflok tordna li jiġu reġistrati fil-konfront tiegħu sentenza u verdett ta' liberazzjoni minn kull ħtija u piena jew;
(2) alternattivament wara li tħassar u tikkanċella l-verdett tal-ġurati għal dak li jirrigwarda l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża u tħassar u tikkanċella wkoll dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti Kriminali fejn huwa ġie ddikjarat skond dak il-verdett ħati talli kkaġuna offiża gravi fuq il-persuna li biha ġrat il-mewt minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali ta' l-offiża, u mhux għal xi kawża aċċidentali li nqalat wara, b'dan li l-mewt ġrat fi żmien erbgħin ġurnata li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-Iejl ta' qabel id-delitt, b'dan pero` li r-reat

huwa skużabbli, għaliex kien ipprovokat minn delitt ta' kull xorta li jkun kontra l-persuna, kif ukoll tħassar dik il-parti tal-istess sentenza fejn huwa ġie kkundannat għall-piena ta' seba' (7) snin priġunerija oltre l-ispejjeż peritali kollha u minfok tali verdett tordna li jiġi reġistrat verdett ieħor alternattiv u minflok tapplika piena aktar miti u ġusta għall-każ, filwaqt li tikkonferma il-verdett tal-ġurati dwar it-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża u s-sentenza appellata fil-bqija tagħha; (3) alternattivament tirriforma biss is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-25 ta' Marzu 2015 billi tikkonferma dik il-parti fejn iddikjaratu ħati skont il-verdett tal-ġurati iżda tħassar u tikkanċella dik il-parti fejn ikkundannatu għal seba' (7) snin priġunerija u għall-ħlas ta' l-ispejjeż peritali kollha u minflok tinfliġġi piena ġustament aktar miti u li tagħmel verament tajjeb għall-każ odjern; rat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma: (1) illi fil-kors tas-smigħ tal-kawża quddiem il-Qorti Kriminali kien hemm irregolarita` u/jew interpretazzjoni jew applikazzjoni ħażina tal-liġi, li seta' kellha influwenza fuq il-verdett bil-konsegwenza għalhekk illi saret amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja; (2) mingħajr preġudizzju, illi huwa ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża u dan peress illi mill-provi mressqa fil-kors tas-smiegħ tal-kawża rriżulta illi kienu ġew ippruvati l-elementi kollha tal-ġustifikazzjoni tal-leġittima difeża; (3) mingħajr pregudizzju, illi huwa ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża u dan peress illi mill-provi mressqa fil-kors tas-smiegħ tal-kawża rriżulta illi kienu ġew se mai ppruvati l-elementi kollha tal-omiċidju involontarju f'dan il-każ; (4) mingħajr pregudizzju, illi f'kull każ il-piena mposta mil-Qorti Kriminali kienet waħda eċċessiva u nġusta. Din il-Qorti sejra tikkunsidra dawn l-aggravji *seriatim.*

**6. <u>L-ewwel aggravju</u>**: Hawn l-appellant jilmenta dwar xi nuqqasijiet fl-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri. L-appellant jgħid:

> "A. Illi l-esponent f'dan il-kuntest jilmenta dwar il-mod kif gew indirizzati l-gurati mill-Imhallef sedenti wara l-konkluzjoni tal-produzzjoni tal-provi u tad-dibattitu orali tal-partijiet u dan senjatament meta kienu qed jigu spjegati lill-gurati il-varji linji difensjonali prospettati mid-difiza. Bl-akbar rispett l-esponent jilmenta b'mod partikolari dwar il-mod kif gew indirizzati l-gurati dwar l-iskuzanti kontemplata fl-artikolu 230(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu jirriferi ghall-iskuza tal-omicidju volontarju kontemplata fl-artikolu 227 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` l-iskuza ta' min jikkommetti reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna meta jkun ipprovokat b'offiza gravi fuq il-persuna jew b' delitt iehor kontra l-persuna, meta dak id-delitt ikun suggett ghall-piena ta' aktar minn sena prigunerija.
>
> "Illi kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni orali ta' dan l-appell, minn ezami akkurat tal-indirizz tal-Imhallef sedenti huwa bil-wisq car illi, fis-sens hawn fuq

spjegat u cioe` dwar il-provokazzjoni li tkun gejja minn delitt kontra l-persuna punibbli b'aktar minn sena prigunerija, dak l-istess indirizz kien jippekka u jonqos milli jissodisfa l-vot tal-ligi in kwantu jirrigwarda l-artikolu 465 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

"L-esponent jissenjala b'mod partikolari in-nuqqas tal-Qorti fl-indirizz milli tfisser lill-gurati x-xorta u l-elementi kollha ta' dik l-iskuzanti partikolari invokata mill-akkuzat biex hekk il-gurati ma' tpoggew qatt f'posizzjoni idoneja sabiex jikkunsidraw l-istess u jiddeterminaw jekk kienetx timmerita akkoljiment jew le. In fatti l-esponent jemmen illi bil-mod kif gew indirizzati l-gurati huma ma' setghu qatt jikkunsidraw dik il-linja difensjonali peress illi f'mohhom inholqot konfuzjoni [jew inversament kien hemm nuqqas ta' kjarezza sufficjenti] bejn dik it-tip ta' skuza ta' provokazzjoni u 1-iskuza l-ohra ta' provokazzjoni li hija kontemplata fl-artikolu 230(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn sabiex tissussisti 1-iskuza, il-provokazzjoni tista' tkun gejja minn delitt kontra l-persuna ta' kull xorta, li tabilhaqq fl-ahhar mill-ahhar kienet l-iskuza li giet applikata favur l-esponent mill-gurati b'verdett kwazi unanimu. L-esponent jemmen illi bil-mod kif gew indirizzati, il-gurati bilfors hasbu illi iz-zewg forom diversi ta' din l-iskuzanti kienu necessarjament haga wahda u identika meta fil-fatt dan mhux il-kaz.

"Illi meta wiehed janalizza l-partijiet relevanti tal-indirizz fejn kienu qed jigu spjegati dawn iz-zewg skuzi ghad-delitt li bih l-esponent kien akkuzat u liema skuzanti kienet qed tinvoka d-difiza, huwa car kristall illi l-Qorti b'ebda mod ma' spjegat jew imqar ippruvat tispjega kif kien necessarju kif kellu jigi determinat l-element oggettiv essenzjali tal-iskuza kontemplata fl-artikoli 230(a) u 227(b) tal-Kap. 9 li jiddistingwiha mill-iskuza ta' provokazzjoni kontemplata fl-artikolu 230(c) u cioe` l-fatt illi l-provokazzjoni tkun gejja minn delitt kontra l-persuna suggett ghall-piena ta' aktar minn sena prigunerija. Ovvjament sabiex dan il-fattur jew rekwizit oggettiv ikun jista jigi stabbilit dak li kellu necessarjament isir kien illi fl-ewwel lok jigi spjegat lill-gurati liema reati huma delitti kontra l-persuna u liema minn dawn huma soggetti ghall-piena ta' aktar minn sena prigunerija u dan dejjem fil-kuntest ta' kif kienet qed tipprospetta d-difiza. Minghajr ma' jinghataw tali spjegazzjoni jew istruzzjoni, il-gurati thallew fl-injoranza assoluta dwar kif jiznu u jevalwaw l-azzjoni provokattiva tal-vittma u wisq aktar u ferm aghar minn hekk il-gurati qatt ma' setghu jikkwalifikaw tali azzjoni provokattiva kif kien necessarju illi jaghnilu sabiex ikunu jistghu jiddeterminaw jekk kellhiex tigi applikata favur l-akkuzat forma wahda ta' din l-iskuza wahda jew ohra.

"B. Illi jekk in-nuqqasijiet fl-indirizz tal-imhallef hawn fuq senjalati ma kinux sufficjentment gravuzi fil-konfront tal-esponent u b'zieda maghhom punt iehor li fl-istess kuntest jaggrava ferm u ferm aktar lill-esponent huwa l-fatt illi fil-kors tal-istess indirizz l-Imhallef sedenti waqt li kien qieghed jindirizza lill-gurati dwar l-iskuza tal-provokazzjoni ghadda kummenti fis-sens illi din il-linja difensjonali kienet wahda ta' ftit importanza jew fis-sens illi d-difiza stess kienet iddikjarat illi ma' kinitx qed taghtiha wisq piz. Bl-akbar rispett dawn il-kummenti kienu erronji u mhux f'lokhom u zgur illi ma kinux verament jirriflettu dak li kienet qed tipprospetta d-difiza u dan kif ser jigi determinat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.

> "Dawn in-nuqqasijiet zgur u indubbjament kellhom effett mhux zghir fuq il-verdett tal-gurati u zgur illi dawn wasslu ghall-amministrazzjoni hazina tal-gustizzja specjalment meta wiehed iqis illi li kieku kellha tigi applikata l-iskuza tal-provokazzjoni mahsuba fl-artikoli 230(a) u 227(b) tal-Kap. 9 minflok dik applikata bil-verdett tal-gurati kif verament kien imiss, allura l-massimu tal-piena applikabbli kienet tkun dik ta' sena (1) prigunerija li addiritura setghat tkun sospiza ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 in vista tac-cirkostauzi partikolari tal-kaz."

**7.** Dwar l-ilment immarkat "A", din il-Qorti sejra l-ewwel tirriproduċi l-brani relevanti ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri fejn ġiet ittrattata l-linja difensjonali tal-provokazzjoni[1]:

> "Issa Dr Montalto qajjem ukoll fl-aħħar u qal lilkom in linea sussidjarja, *I quote*: 'Fuq il-kunċett tal-provokazzjoni'. Dan ifisser illi s-Sur Dobre ħassu provokat mill-azzjoni li għamel is-Sur Osama kontra Radu Rica u huwa għalhekk biss li ntervjena s-Sur Dobre. Jiġifieri wkoll illi s-Sur Osama kien qed jagħmel reat kontra l-persuba ta' Radu Rica. Jiġifieri l-azzjoni, il-fotogramma li tridu tanaliżżaw huwa li s-Sur Osama kien qed jipprova jweġġa' lil Radu Rica. Din hija l-ewwel ipotesi tal-provokazzjoni. *Again* m'inhix ser nixba ngħidilkom, dawn huma kollha sitwazzjonijiet li intom tridu tiddeċiedu intom għal dan għax intom il-ġurati tal-fatt u intom tridu taraw illi dawn il-fatti, il-fatti li għandkom quddiemkom, fejn ser jinkwadraw."

**8.** Mela hawnhekk l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma għamel l-ebda distinzjoni bejn il-provokazzjoni taħt l-artikolu 230(a) b'referenza għall-artikolu 227(a) tal-Kodiċi Kriminali u dik taħt l-artikolu 230(ċ) ta' l-istess Kodiċi. Id-difiża, irid jingħad, lanqas ma kienet daqstant ċara waqt il-ġuri fl-esposizzjoni ta' din id-differenza, salv li ppruvat toħroġ din id-distinzjoni waqt l-arringa b'referenza għal "feriment ħafif jew tentattiv ta' feriment ħafif" u "feriment gravi jew tentattiv ta' feriment gravi".[2] Fl-ebda waqt ma ssemma illi l-artikolu 227(a) imsemmi jikkwalifika "delitt ieħor kontra l-persuna" bħala delitt "suġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija". Pero` mbagħad id-distinzjoni tissemma fis-s*ample verdict*. Meta l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien qiegħed jirreferi għad-diversi opzjonijiet, qal hekk[3]:

> "Is-sitt waħda. Ir-reat huwa skużabbli għaliex kien ipprovokat b'offiża gravi fuq il-persuna tiegħu jew ta' persuna oħra meta dan id-delitt ikun soġġett għal piena ta' aktar minn sena priġunerija. Jiġifieri dan huwa soġġett illi għamel din il-biċċa xogħol is-Sur Dobre pero` dak li għamel delitt kien suġġett għal piena ta' aktar minn sena priġunerija, jiġifieri l-azzjoni tas-Sur Dobre ġġib dik il-piena, tas-Sur Osama *sorry*.

---

[1] Paġna 408 tat-traskrizzjonijiet.
[2] Paġni 241 – 242 *ibidem*.
[3] Paġna 411 *ibidem*.

> "U s-seba', li r-reat huwa skużabbli għaliex kien ipprovokat minn delitt ta' kull xortali jkun kontra l-persuna. Jiġifieri li ġie attakkat is-Sur Dobre.
>
> "Dif: Jew Rica.
>
> "Qorti: Jew Rica skużawni. *Yes* għandu raġun Dr Montalto għaliex tinsewx illi l-kwistjoni tad-difiża hija d-difiża tiegħek innifsek jew ta' terza persuna. F'dan il-każ tas-Sur Rica.
>
> "....
>
> "Pros: Biex inkunu preċiżi, Sur Imħallef fis-sitt *option*: 'skużabbli għaliex kien provokat b'offiża gravi fuq il-persuna', imbagħad għandek 'tiegħu jew ta' persuna oħra'. 'Tiegħu jew ta' persuna oħra' ma tinkwadrax fid-diċitura tal-liġi, Sur Imħallef. Trid tieqaf 'fuq il-persuna'.
>
> "Qorti: 'Għaliex kien ipprovokat b'offiża gravi fuq il-persuna', *fullstop*. Jiena ser ningassa l-kliem minn 'tiegħu' sa 'persuna oħra', hux hekk?
>
> "Pros: Eżatt. U rridu nżidu, pero`, 'jew b'delitt ieħor kontra l-persuna'. Tkompli kif inhi mbagħad.
>
> "Qorti: *All right*, perfett. Mela jridu jinizjalaw, Sur Avellino .... Issa, aħna ser niġbrulkom nerġgħu s-s*ample verdicts* u ser nerġgħu intuhomlkom kif suppost, biex ikollkom il-*verdict* kif suppost."

**9.** Jiġifieri, filwaqt li huwa minnu li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma spjegax id-differenza bejn iż-żewġ opzjonijiet, il-ġurati setgħu jirrejalizżaw – ġaladarba kienu preżentati lilhom żewġ opzjonijiet fis-*sample verdict* – li kien hemm differenza. Tant hu hekk illi għażlu waħda (l-opzjoni seba') fuq l-oħra (l-opzjoni sitta). Fi kwalunkwe każ, nonostante n-nuqqas ta' spjegazzjoni mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, dak li din il-Qorti trid tagħmel hu li tara jekk, b'tali nuqqas ta' spjegazzjoni, saritx b'daqshekk amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja. Dan jista' jiġi determinat wara konsiderazzjoni tal-fatti.

**10.** Kwantu mbagħad għall-ilment immarkat "B", kull ma jirriżulta li qalet l-ewwel Qorti hu li d-difiża tal-provokazzjoni kienet, bħal ma qal id-difensur stess ta' l-appellant, "in linea sussidjarja". Eżami ta' l-arringa fil-fatt turi li meta d-difensur kien se jibda jittratta din il-linja difensjonali, huwa qal testwalment: "Din hija ħa nagħmluha ċara difiża sussidjarja li għandek żewġ ipotesijiet."[4] Għalhekk dan l-ilment huwa fieragħ.

**11. <u>It-tieni u t-tielet aggravji</u>** ta' l-appellant huma li nstab ħati ħażin fuq il-fatti u kellha jew tiġi aċċettata d-difiża tal-*legittima difesa* (it-tieni aggravju) jew

---

[4] Paġna 241 *ibidem*.

alternattivament li kien ikkommetta omiċidju involontarju (it-tielet aggravju). Huwa jgħid:

> "2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent gie misjub [hati] hazin fuq il-fatti tal-kawza u dan peress illi mill-provi mressqa fil-kors tas-smiegh tal-kawza irrizulta illi tabilhaqq kienu gew ippruvati l-elementi kollha tal-gustifikazzjoni tal-legiffima difeza. Konsegwentement l-esponent kellu jigi dikjarat mhux hati l-ghaliex huwa agixxa fil-bzonn attwali tad-difiza tal-persuna ta' siehbu Radu Rica illi tabilhaqq kien gja sofra aggressjoni vjolenti fuq il-persuna tieghu minghand Osama Al Shazliay Saleh li kien addiritura ikkagunalu griehi gravi fuq il-persuna tieghu u li mhux sodisfatt b'daqshekk kien ser jerga' jipprova jaggredixxi lil-istess Radu Rica vjolentement u inutilment daqs l-ewwel darba. Li Osama Al Shazliay Saleh kien persuna vjolenti di natura tieghu huwa fatt li gie debitament u pjenement ippruvat mid-difiza u per konsegwenza meta dan jigi abbinat mas-sekwenza tal-fatti kif svolgew skond id-difiza [u kif wara kollox kif gew abbraccjati anki mill-gurati tenut kont tal-verdett taghhom] zgur illi l-unika verdett li kien legalment accetabbli kellu jkun dak li l-esponent kien qed jagixxi in legittima difeza ta' Radu Rica.
>
> "3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent gie misjub [hati] hazin fuq il-fatti tal-kawza u dan peress illi mill-provi mressqa fil-kors tas-smiegh tal-kawza rrizulta illi tabilhaqq kienu gew se mai ppruvati l-elementi kollha tal-omicidju involontaiju f'dan il-kaz u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni orali ta' dan 1-appell."

**12.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għalhekk, dak li din il-Qorti issa trid tara huwa jekk il-ġurati, ben indirizzati (salv għal dak li ntqal f'paragrafi tmienja (8) u disgħa (9) *supra*, setgħux legalment u raġjonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha.[5] In eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-

---

[5] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

kumpilazzjoni. Inoltre ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konklużjonijiet tagħha huma dawn li ġejjin:

(i) M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt ġew posti għall-konsiderazzjoni tal-ġurati li kienu liberi l-ħin kollu, u ġew diretti f'dan is-sens mill-Imħallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi kollha miġjuba.

(ii) Irid jiġi sottolineat ukoll li l-ġurati kellhom il-vantaġġ li jaraw u jisimgħu x-xhieda kollha. B'hekk, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li nġab a konoxxenza tagħhom tul il-ġuri, wara eżami u kontro-eżami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, inkluż ta' l-appellant stess, u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semgħu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża, u l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, waslu għall-konklużjoni li kellhom isibu ħtija skont iż-żewġ Kapi ta' l-Att ta' Akkuża.

(iii) Jingħad qabel xejn illi l-kontestazzjoni li qiegħda ssir hija dwar l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża biss.

(iv) Dan il-każ jirrigwarda l-mewt ta' nazzjonal Somalu bl-isem ta' Osama El Shalizay Saleh fl-20 ta' Marzu 2012 wara li kien ġarrab offiżi ta' natura gravi kmieni filgħodu tas-17 ta' Marzu 2012.

(v) Jirriżulta li fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Marzu 2012, l-appellant u ħabib tiegħu Radu Rica kienu qegħdin Paceville u ħin minnhom daħlu fil-*club* Deja Vu. Waqt li qegħdin jieħdu *drink*, Rica mar sal-kamra tal-banju. Meta ġie lura kien qiegħed jinfaraġ. Rica qal illi meta kien ħiereġ, "raġel ta' karnaġġjon skura laqatni fuq imnieħri, tagħni daqqa fuq imnieħri bil-minkeb". Rica jgħid illi ma jafx ir-raġuni, "imma hu laqatni bil-minkeb". Iżid jgħid: "Milli nista' nara kienet intenzjonata. Jekk xi ħadd jgħolli minkbu u jagħtik daqqa bil-minkeb ma jistax ikun inċident." Meta qala' d-daqqa, kien hemm xi ħadd tas-*security* li tah xi *tissues* u lil dak ir-raġel ġibduh fil-ġenb. Huwa mar bilqiegħda ħdejn l-appellant u qagħdu hemm sakemm waqaflu d-demm. Baqgħu hemm xi għaxar minuti u ddeċidew li jmorru d-dar. Jgħid illi meta ħarġu, dik il-persuna ta' karnaġġjon skura ndunat bihom u ġiet lejhom. Kien irrabjat u kien qed juża kliem ħażin. Xi s*ecurity guards* quddiem il-c*lub* iddeċidew li jintervjenu. Jgħid li l-appellant imbuttah ma' l-art. Mistoqsi kif daħal fiha l-appellant ġaladarba Saleh kien qiegħed jindirizza lix-xhud, Rica wieġeb: "Antonel ra li l-persuna ta' karnaġġjon skura kienet qed tkun aggressiva miegħi u allura xtaq li jipproteġini lili." Saleh m'għamillu xejn lilu imma "just resaq lejja bl-attitudini li ser

jagħmilli xi ħaġa lili". Mistoqsi meta ra lill-appellant jimbotta lil Saleh x'għamel eżatt l-appellant, Rica qal: "Rajtu jgħolli idejh u jimbuttah b'idu miftuħa, bil-pala ta' idu." In kontro-eżami jgħid illi l-appellant lil Saleh tahielu bix-xellug, Saleh tilef il-bilanċ u waqa' lura.

(vi) L-appellant jikkonferma illi meta Rica ġie lura mill-kamra tal-banju kellu d-demm u deher beżgħan. Saqsieh x'ġara u Rica qallu li persuna ta' karnaġġjon skura tagħtu xi daqqa. Rica kellu *tissue* qed iżomm id-demm. Rica qallu biex imorru 'l barra iżda huwa qallu biex jeħodha *easy* u jikkalmaw ftit. In kontro-eżami qal ukoll li lil Rica qallu jpoġġi bilqiegħda sakemm jieqaf id-demm. Ħarġu mid-Deja Vu, b'Saleh madwar metru quddiemu, u f'sekonda nqala' argument ma' persuna ta' karnaġġjon skura li ġie mgħaġġel lejhom u waqaf quddiem Rica u kien hemm madwar erbgħa s*ecurity* tad-Deja Vu u tal-Clique. Skond l-appellant, dik il-persuna ta' karnaġġjon skura (Saleh) "kien qed jgħajjat, kien qed jipprova jiġġieled, beda jikkreja kommozzjoni anke mas-s*ecurity* u kien qed jargumenta ma' Rica". Bdew jimbuttaw lil xulxin, l-ewwel bil-mod u wara aktar bis-saħħa. Meta ra li l-argument kien qed jikber, intervjena hu wkoll. Jgħid illi huwa mbotta lil Saleh b'idu tax-xellug. Bil-lemin qatt ma missu. Meta mbuttah, idu kienet miftuħa u laqtu fuq huġbejh. Saleh waqa' mill-ewwel. Jgħid illi l-intenzjoni tiegħu kienet biex jiddefendi lil Rica u ried jimbotta lil Saleh lura biex ma jkomplux jargumentaw. "Li għamilt għamilt biex ngħin lill-ħabib tiegħi imma jiddispjaċini għal kif attwalment spiċċat." B'referenza għall-istqarrija li huwa għamel lill-Pulizija fejn jgħid: *"One of the bodyguards told me what you've done. I shrugged my shoulders and said sorry"*, l-appellant ikkonferma li dan huwa veru. B'referenza għal fejn jgħid: *"And I said to the bodyguard he hit me on my face and I hit him back"* qal li hawnhekk ma jiftakarx.

(vii) Din il-Qorti sejra issa tirreferi għal xi brani mill-kontro-eżami ta' l-appellant:

> "Pros: La kien hemm is-*security* bejniethom għal x'hiex ħass li kellu jagħmel dik il-mossa li mbagħad nidħlu fiha aktar tard?
> "Xhud: Osama kien qed jipprova jimbotta lil Rica u jiena kont qed nipprova nimbotta lil Osama.
> "Pros: Jekk kien hemm il-persuna bejn Osama u Radu Rica, allura ovvjament Osama ħa jolqot lis-s*ecurity*, għal x'hiex, ħa nerġa' nsaqsieh, ħass il-bżonn li jagħmel dik il-mossa li kulħadd ra u nerġgħu naraw x'għamel?
> "Xhud: Kien istint, kien ħabib tiegħi u ridt ngħinu.
> "Pros: Ngħid sew li inti użajt is-saħħa kollha li kellek dak il-ħin biex għamilt dik il-mossa li kolla rajniek tagħmel?
> "Xhud: Le.
> "Pros: Kif tispjegali l-fatt li malli jsir il-kuntatt bejnek u bejn Osama tara lil Osama litteralment jinqata' bit-tul li kellu xi nofs metru qabel ma mbagħad għamel l-impatt ma' l-art?

"....
"Interpretu: Sur Imħallef, l-akkużat qed jgħid li huwa lemini, mhux xellugi, allura ma jistax juża s-saħħa kollha li kellu bix-xellug.
"....
"Pros: ...kif jispjegali l-fatt li mal-mument li jsir l-impatt bl-id ix-xellugija mal-vittma, il-vittma litteralment tidher ittir? Ittir litteralment, kif jispjegah dan?
"Xhud: F'dik il-kommozzjoni kien hemm ħafna mbuttar ukoll.
"Pros: ... Kif jispjegaha din [li l-vittma nqatgħet mill-art] la hu qed jgħid li mbuttah?
"Xhud: Jiena mbuttajtu biss, huwa akbar minni u itwal, it-triq qiegħda għan-niżla u waqa'.
"Pros: Ngħid sew li inti lqattu fuq in-naħa tal-lemin ta' wiċċu? Tal-ġenb ta' wiċċu?
"Xhud: Le.
"Pros: Allura kif tispjegali l-fatt li l-bieraħ it-tabib qalilna li fuq in-naħa tal-lemnin ta' wiċċu dan kellu trawma kkaġunata b'daqqa diretta b'saħħitha?
"Xhud: Jista' jkun li meta waqa' ġie fuq il-ġenb ta' wiċċu."

(viii) Kemm l-appellant, mela, kif ukoll Radu Rica jgħidu li l-appellant imbotta lil Saleh. Iżda hemm provi oħra li juru l-kuntrarju.

(ix) L-ewwelnett skont ir-rapport nekroloġiku tal-Prof. M'Therese Camilleri u Dr. Sarfraz Ali, jidher illi l-kawża tal-mewt kienet: *"fractured skull and intracranial haemorrhage due to blunt trauma"*.

(x) L-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri spjega illi huwa sab illi l-imsemmi Saleh kellu żewġ leżjonijiet serji: "kellu evidenza ta' *blunt trauma* fuq ir-*right temperoparietal region* li ma kkaġunatx frattura imma kkaġunat katastrofi fil-moħħ fis-sens illi kien hemm *haematoma* biex tirrifletti d-daqqa qawwija, imbagħad kien hemm daqqa oħra li ngħidilha sekondarja għax din ġiet wara l-ewwel waħda, għax il-mekkaniżmu hekk jgħallmek, illi kellu laċerazzjoni, involviet il-kranju wkoll, l-aspett oċċipitali, fejn kellu *fracture* li tant kienet estensiva l-*fracture* li baqgħet nieżla sal-*foramen magnum* .... Dan il-mekkaniżmu jidher illi ma jistax ikun ħabat rasu fl-*occipital region* ma' l-art per eżempju u ħabat it-*temperoparietal region* ma' l-art ukoll. Darba ħabat rasu ma' l-art skont dan il-mekkaniżmu, u l-probabilita`, mhux il-probabilita`, l-indikazzjonijiet huma li ħabat l-*occipital region* ma' l-art wara illi ġiet subita dik il-leżjoni .... biex għandu l-*haematoma* hawnhekk dan qala' daqqa bilfors jew bl-id il-leminija hekk, jew il-probabilita` bl-id ix-xellugija hekk…. it-tnejn b'saħħithom id-daqqiet .... is-s*ubdural haematoma* tikkaġuna l-mewt, *it's a grevious serious injury,* u l-frattura ta' l-*occipital region* tikkaġuna l-mewt ukoll. It-tnejn jikkaġunaw il-mewt."

(xi) Hemm imbagħad ix-xiehda ta' Jesmond Vella li f'dak il-lejl kien qiegħed jaħdem bħala *bouncer* il-Clique u kien qiegħed mal-bieb biex jara li ma jidħol

ħadd. Qal li rahom jitkellmu u f'daqqa waħda jara lil dak ta' karnaġġjon abjad jagħti daqqa ta' ponn lil dak ta' karnaġġjon iswed fuq moħħu fil-ġenb, fuq nagħsu. Ix-xhud qallu: *"Why?"* Kif tahielu d-daqqa, il-vittma niżel ma' l-art: "Bum, knock-out."

(xii) Hawn din il-Qorti sejra tirreferi għal video meħud mis-CCTV tal-ħanut Pizza by Luca li jinsab ftit 'il fuq mill-*club* Clique li jiġi bieb ma' bieb mad-Deja Vu. Din il-Qorti rat dan il-video diversi drabi, u b'mod partikolari dik il-parti relevanti għall-każ. Ħin minnhom jidher il-vittma Saleh ħiereġ minn stabbiliment u tiela' 'l fuq u jingħaqad ma' grupp żgħażagħ. Jagħti daqqa t'għajn 'l isfel u jerġa' jkompli mal-grupp. Wara ftit sekondi (33 sekonda) jerġa' jħares 'l isfel – sadattant kienu ħarġu xi nies minn dak li kien jidher li kien l-istess lokal – jidher li jirrikonoxxi lil xi ħadd u jinżel 'l isfel b'pass mgħaġġel. Tnejn minn dawk il-persuni kienu Radu Rica u l-appellant. Jidhru wkoll żewġ persuni oħra. Saleh idur għal quddiem Radu Rica biex jiffaċċjah. Almenu wieħed miż-żewġ persuni li kienu ħarġu fl-istess ħin li ħarġu l-appellant u Rica jidher jersaq viċin. Sadattant l-appellant, min-naħa tax-xellug idur għan-naħa tal-lemin, jiġbed idu x-xellugija lura u jxejjer daqqa biha. Mill-video jidher li d-daqqa ħarġet b'saħħitha u dan hu kkorroborat minn dak li rriżulta lil Dr Mario Scerri kif spjegat f'paragrafu (x) u minn kif ddeskriva l-avveniment Jesmond Vella. Jiġifieri hawn si trattava ta' ferm aktar minn imbottatura.

(xiii) L-appellant jgħid illi huwa aġixxa għal-leġittima difiża ta' Radu Rica. Issa b'referenza għad-difiża tal-leġittima difiża, l-artikolu 223 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi: **"Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorita` leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor"**. Sabiex wieħed jista' jitkellem fuq leġittima difiża li twassal għall-ġustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta' sempliċi skużanti – art. 227(d)), iridu jikkonkorru l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa neċessarji, cioe` l-bżonn li l-minaċċja tkun gravi, tkun inġusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata għall-minaċċja jew għall-aggressjoni. Dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tiegħu **Lectures in Criminal Law, Part I**, igħid hekk (pagna 104):

> "The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it.

> Thirdly, the danger threatened must be <u>absolute</u>, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."

(xiv) Huwa minnu li, in vista tal-fatt illi Radu Rica kien diġa` ġie mweġġa' ġewwa d-Deja Vu u l-appellant seta' ħaseb illi Saleh kien ġie jiffaċċja lil Rica biex jerġa' jweġġgħu, iżda din il-Qorti hi tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi riżultanti, la jista' jingħad illi kien hemm perikolu gravi u lanqas perikolu assolut. Saleh mar jiffaċċja lil Rica proprju ħdejn membri tas-sigurta` tal-*clubs* Deja Vu u Clique li, anke skont Rica, intervenew. Ċertament ma kienx hemm il-ħtieġa li l-appellant ixejjer daqqa tant b'saħħitha li middet lil Saleh. Għalhekk id-difiża tal-leġittima difiża ma tistax tiġi akkolta.

(xv) It-tieni difiża ta' l-appellant hi semmai li kellu jinstab ħati ta' omiċidju involontarju. L-artikolu 225(1) tal-Kodiċi Kriminali iqis ħati tar-reat ta' omiċidju involontarju lil kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd.

(xvi) Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Tarcisio Fenech** deċiż fis-26 ta' Marzu 1998 intqal hekk dwar dan ir-reat:

> "... fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Richard Grech** ... din il-Qorti kienet osservat hekk:
>
> "'L-omiċidju kolpuż hu ttrattat fil-liġi tagħna fl-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali, ġa` l-artikolu 239 fl-Edizzjoni ta' l-1942 ta' dak il-Kodiċi. Fis-sentenza tagħha ta' l-4 ta' Frar 1961, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli**, il-Qorti Kriminali sedenti l-kompjant Imħallef Joseph Flores, kienet esprimiet ruħha b'dan il-mod a rigward ta' dan ir-reat:
>
> "'Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 239 tal-Kodiċi Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negliġenti – konsistenti <u>ġenerikament</u> f'nuqqas ta' ħsieb ('imprudenza'), traskuraġni ('negliġenza'), jew ta' ħila ('imperizja') fl-arti jew professjoni jew konsistenti <u>speċifikatament</u> f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawżalita`, minn event dannuż involontarju. Għandu jiġi premess illi, għall-aċċertament tal-ħtija minħabba f'kondotta negliġenti, għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-*bonus paterfamilias*, dik il-kondotta, cjoe` illi fil-każ konkret kienet tiġi użata minn persuna ta' intelliġenza , diliġenza u sensibilita` normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallih fl-istess ħin liberu li jivvaluta d-diliġenza tal-każ konkret (Kollez. Deċiż. Vol. XLV.iv.870, 903 enfasi ta' din il-Qorti)';
>
> "'....

"'Kif jispjega l-ġurista Francesco Carfora (Digesto Italiano, Vol. 7, Parte 2, V. *Colpa (materia penale), Diritto Vigente*, p. 775), jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna tagħmel dak li hu raġonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu`, tikkonsisti filli wieħed jagħmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setgħu jikkaġunaw ħsara. It-traskuraġni, mill-banda l-oħra, timplika ċerta non-kuranza, ċertu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiż-żewġ każijiet, pero`, il-ħsara tkun prevedibbli għalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista, wieħed ikun qiegħed fil-kamp doluż b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni posittiva indiretta.'"

(xvii) Fil-każ in eżami ma nistgħux nitkellmu dwar "nuqqas ta' ħsieb" jew "traskuraġni". L-att ta' l-appellant kien wieħed volontarju magħmul mhux unikament sabiex iferraq lil Saleh minn ma' Rica, iżda intiż biex iweġġa'. Id-daqqa ma kinitx intenzjonata illi toqtol iżda li tweġġa' serjament. U fil-fatt id-daqqa fuq ir-*right temperoparietal region* ta' Saleh ikkawżat *subdural haematoma*. Il-vjolenza tad-daqqa tajret lil Saleh lura li waqa' fuq l-*occipital region* fejn ġiet ikkawżata frattura. Jiġifieri kien hemm ness dirett bejn id-daqqa u t-tisbita ma' l-art. Għalhekk lanqas id-difiża ta' omiċidju involontarju ma tista' tiġi akkolta.

(xviii) Kif ingħad fuq (f'paragrafu 9), l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma spjegax id-differenza bejn iż-żewġ opzjonijiet ta' provokazzjoni prospettati mid-difiża, għalkemm dawn ingħataw fis-*sample verdict*. L-opzjoni sitta (6) hija bażata fuq l-artikolu 230(a) tal-Kodiċi Kriminali b'referenza għall-artikolu 227(a) ta' dak il-Kodiċi. Mill-provi la jirriżulta illi Saleh għamel offiża gravi fuq Rica (u wisq anqas fuq l-appellant), u lanqas xi delitt ieħor kontra l-persuna fil-konfront tagħhom suġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija. Hekk, ma jirriżultax lanqas li Saleh għamel tentattiv ta' offiża gravi fuq il-persuna tagħhom. Konsegwentement din il-Qorti ma ssibx illi bin-nuqqas ta' l-ewwel Qorti li tispjega l-imsemmijin żewġ opzjonijiet saret xi amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja.

(xix) Konsegwentement il-ġurati setgħu legalment u raġjonevolment jaslu għall-verdett kif ippronunzjat dwar l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża.

**13. L-aħħar aggravju** huwa dwar il-piena li l-appellant iqis eċċessiva u nġusta. Fir-rikors ta' appell huwa jissenjala numru ta' raġunijiet:

"• Fis-sentenza taghhha l-ewwel qorti ma' tispjega b'ebda mod kif waslet ghall-piena nflitta meta jigu meqjusa s-sottomissjonijiet estensiva tad-difiza dwar l-erogazzjoni tal-piena. L-ammont ta' prigunerija gie moghti *in vacum*.

"• Il-piena erogata ma' tirriflettix il-verdett tista' tghid unanimu tal-gurati illi bazikament kienu qed jiddikjaraw kwazi b'vot unanimu illi huma kienu

abbracjaw t-tezi tad-difiza. Huwa ghalhekk illi dan il-fattur kellu jinghata ferm aktar rizalt mill-ewwel qorti u dan billi tinghata ferm aktar ridotta propju sabiex tigi riflessa l-volonta` tal-gurati.

"• Illi l-fattispecje tal-kaz odjern zgur kienu tant sfortunati u tant accidentali f'parti sostanzjal minnhom illi bhala tali kienu addirittura jiggustifikaw l-applikazzjoni tal-piena fil-minimu possibbli, possibilment anki b'applikazzjoni ta' piena taht il-minimu stabbilit skond l1-artikolu 21 tal-Kap. 9.

"• Illi giet injorata ghal kollox il-ko-operazzjoni shiha u partikolarissima tad-difiza f'dan il-kaz, fattur li kien essenzjali sabiex tigi stabbihita l-verita` tal-fatti f'dan il-kaz.

"• L-ewwel qorti injorat u skartat bla ebda raguni, precedenti li gew ikkwotati mid-difiza li kienu kollha jindikaw u jippuntaw fid-direzzjoni ta' piena ferm aktar miti."

**14.** In materja ta' piena l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[6].

**15.** Fir-rigward tal-piena nflitta fil-każ in eżami m'hemmx dubju li din hi fil-parametri tal-liġi. Difatti l-piena applikabbli hi ta' mhux aktar minn żewġ terzi tal-piena stabbilita għad-delitt mingħajr skuża, cioe` żewġ terzi minn priġunerija ta' minn sitt snin sa għoxrin sena. Jiġifieri l-parametri huma minn minimu ta' erba' snin sa massimu ta' tlettax-il sena u erba' xhur.

**16.** Dwar il-fatt li l-ewwel Qorti ma spjegatx kif waslet għall-piena, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza tagħha fil-każ **The Republic of Malta v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** tal-25 ta' Awwissu 2005 fejn intqal:

"Although the determination of the nature and the *quantum* of the punishment is, of its nature, the determination of a question of law – see Sections 436(2) and 662(2) of the Criminal Code – all that is required is that the Court state the facts of which the accused has been found guilty (or, as in the present case, the facts to which he/she has pleaded guilty), quote the relevant provision or provisions of the law creating the offence (which provisions generally also determine the punishment applicable), and state the punishment or other form of disposal of the case. Unless expressly required by law to spell out in detail something else – as for instance is required by Section 21 of the Criminal Code or by the first proviso to subsection (2) of Section 7 of the Probation Act, Cap. 446 – the above would suffice for all intents and purposes of law. The principle *nulla poena sine lege* does not mean or imply that a Court of Criminal Justice has to go into any

[6] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

particular detail as to the nature and *quantum* of the punishment meted out, or, where the Court has a wide margin of discretion with various degrees and latitudes of punishment, that it has to spell out in mathematical or other form, the logical process leading to the *quantum* of punishment. This is also the position in English Law. As stated in **Blackstone's Criminal Practice 2004** [7]:

"'**Save where the statutory provisions mentioned below apply, there is no obligation on the judge to explain the reasons for his sentence. However, the Court of Appeal has encouraged the giving of reasons, and has indicated that that should certainly be done if the sentence might seem unduly severe in the absence of explanation…It has been held that failure by the sentencing court to give reasons when required to do so does not invalidate the sentence…although the failure may no doubt be taken into account by the appellate court should the offender appeal. Where the sentencer does give reasons and what he says indicates an error of principle in the way he approached his task, the Court of Appeal sometimes reduces the sentence even though the penalty was not in itself excessive. Similarly a failure by the judge to state expressly that he is taking into account any guilty plea, although contrary to [statutory provision], does not oblige the Court of Appeal to interfere with what is otherwise an appropriate sentence…'**

This Court is in full agreement with the principles stated above. Indeed, it is highly recommendable that, when the law provides for a wide margin of discretion in the application of the punishment, reasons, possibly even detailed reasons, be given explaining how and why the court came to a particular conclusion."

**17.** B'referenza għal ġurisprudenza oħra, din il-Qorti dejjem sostniet li l-paraguni huma odjużi u kull każ irid jiġi kkunsidrat fuq il-mertu tiegħu. Id-disparita` lamentata mill-appellant hi bejn is-sentenza moghtija fil-konfront tiegħu u dawk moghtija f'każijiet li mhumiex relatati. Bħalma jingħad f'Archbold, *Criminal Pleading, Evidence and Practice*, 2001 (para. 5-174, p. 571): **"The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.)."**

**18.** Il-verdett tal-ġurati kien dak li kien u fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li nġabu quddiem l-ewwel Qorti hija ddeċidiet li timponi piena aktar lejn il-minimu milli lejn il-massimu.

**19.** Għalhekk, wara li din il-Qorti qieset dan kollu, wara li qieset li l-piena ġiet imposta mill-ewwel Qorti fid-diskrezzjoni tagħha, u wara li din il-Qorti għamlet ukoll eżami akkurat ta' l-atti, hi tal-fehma li ma hemm l-ebda raġuni valida legalment sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżerċitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena.

[7] OUP (2003) at p 1546, para. D18.34.

**20.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, tikkonferma fl-intier is-sentenza appellata.